21 ta' Marzu, 1958.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvu Gauci

**Preċett Penali — Provi — Xhieda.**

*Huwa kanone ta' bon sens illi meta l-imputat ikun ta spjegazzjoni tal-fatt lilu askritt, u dik l-ispjegazzjoni tirriżulta inveritjera, allura dik l-affermazzjoni falsa tiegħu jkollha sinifikat mhux ftit; għax jiġifieri li l-imputat ried jaħbi xi ħaġa.*

*Il-preċett penali impost lill-imputat hu f'loku, jekk fl-imputat li jiġi preċettat jirrikorri l-element tat-temibilità li huwa l-bażi ta' dak il-preċett.*

B'sentenza tagħha tas-16 ta' Jannar 1958, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imsemmi Gauci ħati ta' storbju, ta' offiża volontarja ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Gio. Maria Sammut, u talli qabad xkubetta (centre) għall-istess Sammut, u kkundanatu għall-ammenda ta' £1 għall-ewwel reat, multa ta' £5 għat-tieni reat, u ammenda ta' £2 għat-tielet wieħed; dippjù pperċettatu fis-somma ta' £60 għal żmien sena biex ma jimmolestax lill-imsemmi Sammut;

L-imputat appella kontra dina s-sentenza, billi talab ir-revoka ta' dak il-kap tagħha li bih instab ħati tat-tielet reat, u talab ir-riduzzjoni tal-piena relativament għaż-żewġ reati l-oħra;

Trattat l-appell, li bil-kunsens tad-difiża u tal-Prosekuzzjoni gie abbinat ma' l-ieħor, deċiż il-lum, "Pulizija vs. Sammut", stante l-uniċità tal-fatt, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi jirriżulta b'mod konvinċenti illi fil-fatt l-imputat, wara l-glieda li hu pprovoka ma' Sammut,

u wara li dan fil-kors tal-ġlieda, u fil-waqt li ġie hu stess ferut, ikkaġuna ferita lill-imputat, daħal ġo kamra, ħareġ bis-centre ippuntat, u mbgħad irtira, jew għax ħasibha jew għax ra lill-ħuħ ħdejn Sammut;

L-aħjar konferma ta' dan il-fatt ġiet minn dawk li jissejħu "varjanti" ta' l-imputat. Infatti, mistoqsi mill-Pulizija, fil-kors ta' l-investigazzjonijiet tagħha pre-proċesswali, jekk hu kienx qabad is-centre, l-imputat qal li hu lanqas biss kien daħal fil-kamra, u li s-centre kien ilu ma jmissu jumejn. Issa, hu kanoni ta' bonsens li meta l-imputat ikun ta spjegazzjoni tal-fatt lilu askritt, u din l-ispjegazzjoni tirriżulta inveritjera, allura din l-affermazzjoni falza tiegħu għandha jkollha sinifikat mhux ftit, għax jiġifieri li ried jaħbi xi ħaġa. Hekk ġara f'dan il-każ, li fih appuntu nstab li dak li kien qal l-imputat ma kienx veru, għax il-Pulizija sabet li t-traċċi tad-demm minn ras l-imputat, wara li ġie ferut bizzappuna, kienu jibdew mill-post ta' l-inċident u jkomplu sa ġol-kamra, u li anki fuq is-centre kien hemm it-tiċpiż taddemm;

Kwantu għar-riduzzjoni mitluba fil-piena mogħtija għażżewġ reati l-oħra, ma jidherx li hemm lokha bl-ebda mod;

Fil-każ ta' dan l-appellant, il-preċett impost mill-Ewwel Qorti kien f'loku, għaliex kien hu li bl-għemil tiegħu, filli ried jgħaddi ta' bilfors, "manu militari", mir-raba' ta' Sammut, u waddablu ġebel ta' daqs mhux traskurabili, u ferieh għax Sammut laqgħu, ġieb kull ma ġara; u għalhekk it-temibilità, bażi tal-garanzija, tirrikorri għar-rigward tiegħu;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċiedi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---